# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ġimgħa, 5 ta' Frar, 2021**

**Kawża Nru. 3 (Kost.)**

**Rik. Nru. 43/15JRM**

Joseph **DIFESA** u Rita Difesa

vs

**L-AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR** u l-Avukat Ġenerali u b'digriet tat-30 ta' Jannar, 2020, l-Avukat Ġenerali nbidel għall-Avukat ta' l-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-20 ta' Mejju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (i) ssib li ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom għal deċiżjoni fi żmien raġonevoli u għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom kif imħarsa taħt l-artikolu 6 u taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet

Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") minħabba t-tul ta' żmien li ttieħed biex ittieħdet deċiżjoni mill-Awtorità intimata dwar talba magħmula minnhom biex jistgħu jeżerċitaw attività kummerċjali f'ġid tagħhom; (ii) issib li huma ġarrbu ksur ukoll tal-jedd tagħhom għall-użu tal-proprjetà tagħhom kif imħares taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u/jew tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni meta l-intimati jew min minnhom naqsu li jħejju *policy* appożita fir-rigward, kif kienu obbligati li jagħmlu; (iii) tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi meħtieġa biex twettaq jew tiżgura t-twettieq tad-drittijiet fundamentali tagħhom; u (iv) tiffissa kumpens xieraq biex jagħmel tajjeb għall-ksur minnhom imġarrab;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2015[1], li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ għat-2 ta' Ġunju, 2015;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorità intimata fl-1 ta' Ġunju, 2015, li biha preliminarjament laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li (i) r-rikorrenti Rita Difesa m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ biex titressaq l-azzjoni billi ma kienet parti f'ebda proċedura li minnha qed jilmenta r-rikorrent l-ieħor; (ii) li r-rikorrenti naqsu li jeżawrixxu r-rimedju ordinarju provdut mill-liġi, dak ta' stħarriġ ġudizzjarju, għaldaqstant tistieden lill-Qorti biex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha; u (iii) li l-Awtorità mhix meqjusa bħala tribunal skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, tilqa' billi tgħid li (i) ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll billi (a) safejn l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet ipproċessata mill-Awtorità, dan għamlitu fi żmien raġonevoli (u l-intimata ma tistax titqies ħatja ta' dewmien dwar dak iż-żmien li t-talba tar-rikorrenti kienet tressqet fi żmien qabel twaqqfet l-Awtorità); (b) il-fatt li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar varja d-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità ma jwassal għal ebda leżjoni ta' drittijiet tar-rikorrenti; u (ċ) il-liġi tagħti jedd lill-Awtorità li tappella mid-deċiżjoni tal-istess Bord tal-Appell, u l-fatt li hija nqdiet b'dak il-jedd mogħti lilha mil-liġi ma jista' qatt jissarraf fi ksur ta' xi jedd fundamentali tar-rikorrenti; (ii) ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni billi (a) r-rikorrenti ma kellu ebda jedd x'jippretendi qabel jinħareġ permess sabiex jiġġestixxi n-negozju li huwa xtaq li jkollu fil-proprjetà tiegħu; (b) id-dritt li r-rikorrenti jisħqu li għandhom biex jużaw il-proprjetà tagħhom bħala sala tar-riċevimenti ma jikkostitwix dritt reali fuq il-proprjetà u għaldaqstant l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ; u (ċ) ir-rikorrenti naqsu li jissottomettu lill-Awtorità d-dokumenti marbuta ma' waħda mill-kundizzjonijiet imposti fil-

[1] Paġ. 96 tal-proċess

permess, u għalhekk il-ħsara li jilmintaw minnha ġabuha b'idejhom; u (iii) ebda ħlas ta' kumpens ma hu dovut;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali tat-2 ta' Ġunju, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għall-azzjoni attriċi billi preliminarjament qal li (i) mhux il-kontradittur leġittimu ta' dik l-azzjoni billi t-talbiet attriċi mhux eżegwibbli fil-konfront tiegħu u ma ngħad bl-ebda mod kif huwa jrid iwieġeb għall-ilmenti tagħhom; (ii) r-rikorrenti naqsu li jeżawrixxu r-rimedju ordinarju provdut mill-liġi, dak ta' stħarriġ ġudizzjarju, għaldaqstant jistieden lill-Qorti biex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha; (iii) jinqos l-interess ġuridiku meħtieġ fir-rikorrenti Rita Difesa; u (iv) jeħtieġ li r-rikorrenti jġibu prova tat-titolu li għandhom fuq il-fond mertu tal-kawża. Fil-mertu, laqa' billi qal li ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija billi (i) ma hemmx teħid forzuż tal-proprjetà tar-rikorrenti; (ii) huwa ma jistax iwieġeb għal xiljiet li ma tresqux fil-konfront tiegħu; (iii) tul il-proċess tal-applikazzjoni, ma kien jeżisti ebda dritt li fuq il-proprjetà mertu tal-kawża, seta' jsir użu minn dak li xtaq ir-rikorrent; u (iv) anke li kieku ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrenti, ir-rimedju mitlub mhux ġustifikat, u dikjarazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet jew liema minnhom għandha tkun rimedju biżżejjed lir-rikorrenti;

Rat il-provi u semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2019[2], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-Sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-30 ta' Jannar, 2020[3], li bih ordnat il-korrezzjoni fl-okkju fil-konfront tal-intimat Avukat Ġenerali;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fl-14 ta' Frar, 2020[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat tal-Istat fl-20 ta' Lulju, 2020[5], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Rat li l-intimata Awtorità ma ressqet ebda Nota ta' Sottomissjonijiet minkejja l-opportunità li ngħatat mill-Qorti sabiex tagħmel tali Nota;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri mill-avukati tal-partijiet (traskritta)[6];

[2] Paġ.2061 tal-proċess
[3] Paġ. 2097 tal-proċess
[4] Paġġ. 2098 sa 2125 tal-proċess
[5] Paġġ. 2131 sa 2142 tal-proċess
[6] Paġ. 2148 sa 2150 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża, flikien ma' dawk relattivi għall-Appell Numru 181/97, Appell Numru 380/00, Appell Numru 12/03, Ritrattazzjoni Nru. 12/03 u Appell Numru 29/11;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-29 ta' Ottubru, 2020[7], li bih ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, kif ukoll tal-jedd għat-tgawdija bil-kwiet tal-ġid tar-rikorrenti, b'riżultat ta' sensiela ta' proċeduri marbuta ma' applikazzjoni għal żvilupp imressqa mill-istess rikorrenti biex parti mill-ġid tagħhom jinħarġilha l-permess biex tista' tintuża bħala sala għar-riċevimenti, u d-dewmien li l-istess proċess ħa sa ma nħarġilhom il-permess meħtieġ;

Illi għal din l-azzjoni, l-Awtorità billi qalet li (i) r-rikorrenti Rita Difesa m'għandhiex l-interess ġuridiku meħtieġ biex titressaq l-azzjoni billi ma kienet parti f'ebda proċedura li minnha qed jilmenta r-rikorrent l-ieħor; (ii) li r-rikorrenti naqsu li jeżawrixxu r-rimedju ordinarju provdut mill-liġi, dak ta' stħarriġ ġudizzjarju, għaldaqstant tistieden lill-Qorti biex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha; u (iii) li l-Awtorità mhix meqjusa bħala tribunal skond l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, tilqa' billi tgħid li (i) ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll billi (a) safejn l-applikazzjoni tar-rikorrenti ġiet ipproċessata mill-Awtorità, dan għamlitu fi żmien raġonevoli (u l-intimata ma tistax titqies ħatja ta' dewmien dwar dak iż-żmien li t-talba tar-rikorrenti kienet tressqet fi żmien qabel twaqqfet l-Awtorità); (b) il-fatt li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar varja d-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità ma jwassal għal ebda leżjoni ta' drittijiet tar-rikorrenti; u (ċ) il-liġi tagħti jedd lill-Awtorità li tappella mid-deċiżjoni tal-istess Bord tal-Appell, u l-fatt li hija nqdiet b'dak il-jedd mogħti lilha mil-liġi ma jista' qatt jissarraf fi ksur ta' xi jedd fundamentali tar-rikorrenti; (ii) ma hemm ebda ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni billi (a) r-rikorrenti ma kellu ebda jedd x'jippretendi qabel jinħareġ permess sabiex jiġġestixxi n-negozju li huwa xtaq li jkollu fil-proprjetà tiegħu; (b) id-dritt li r-rikorrenti jisħqu li għandhom biex jużaw il-proprjetà tagħhom bħala sala tar-riċevimenti ma jikkostitwix dritt reali fuq il-proprjetà u għaldaqstant l-artikolu 37 tal-

[7] Paġ.2147 tal-proċess

Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ; u (ċ) ir-rikorrenti naqsu li jissottomettu lill-Awtorità d-dokumenti marbuta ma' waħda mill-kundizzjonijiet imposti fil-permess, u għalhekk il-ħsara li jilmintaw minnha ġabuha b'idejhom; u (iii) ebda ħlas ta' kumpens ma hu dovut;

Illi l-intimat l-Avukat tal-Istat, min-naħa l-oħra, qal li (i) mhux il-kontradittur leġittimu ta' dik l-azzjoni billi t-talbiet attriċi mhux eżegwibbli fil-konfront tiegħu u ma ngħad bl-ebda mod kif huwa jrid iwieġeb għall-ilmenti tagħhom; (ii) r-rikorrenti naqsu li jeżawrixxu r-rimedju ordinarju provdut mill-liġi, dak ta' stħarriġ ġudizzjarju, għaldaqstant jistieden lill-Qorti biex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha; (iii) jinqos l-interess ġuridiku meħtieġ fir-rikorrenti Rita Difesa; u (iv) jeħtieġ li r-rikorrenti jġibu prova tat-titolu li għandhom fuq il-fond mertu tal-kawża. Fil-mertu, laqa' billi qal li ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija billi (i) ma hemmx teħid forzuż tal-proprjetà tar-rikorrenti; (ii) huwa ma jistax iwieġeb għal xiljiet li ma tresqux fil-konfront tiegħu; (iii) tul il-proċess tal-applikazzjoni, ma kien jeżisti ebda dritt li fuq il-proprjetà mertu tal-kawża, seta' jsir użu minn dak li xtaq ir-rikorrent; u (iv) anke li kieku ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrenti, ir-rimedju mitlub mhux ġustifikat, u dikjarazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet jew liema minnhom għandha tkun rimedju biżżejjed lir-rikorrenti;

Illi mill-atti tal-kawża joħorġu dawn **il-fatti ewlenin rilevanti**. Il-Qorti ser tagħmel tagħha l-fatti msemmija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord") fis-sentenza tiegħu tat-18 ta' Ġunju, 1997[8], flimkien ma' dokumenti oħra li jinsabu fl-atti. Jirriżulta li f'Settembru tal-1987[9], l-awtorità responsabbli mill-ħruġ tal-permessi ta' dak iż-żmien (magħrufa bħala l-*Planning Area Permits Board – P.A.P.B.*), ħarġet permess lil Joseph Difesa (ir-rikorrent) sabiex jibni dar fejn joqgħod u garaxxijiet għall-użu privat fuq art li huwa kien kiseb f'Lulju tal-1984[10]. Din l-art kienet diġà mogħnija b'permess għal bini ta' residenza u *swimming pool* sa mis-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor, liema permess ġie mġedded minn żmien għal żmien. Ir-rikorrent ma beniex mal-permess u meta, fl-1991, talab lill-P.A.P.B. biex iħallih jemenda l-permess maħruġ, it-talba tiegħu ma ntlaqgħetx;

Illi fl-1992, inħareġ permess mill-P.A.P.B. (numru 588/92/2259/86) sabiex ir-rikorrent jibni residenza u spazju taħt l-art (*basement),* liema spazju ma kellux iservi għal użu kummerċjali. Minkejja dan, huwa ttanta jikseb liċenzja mingħand il-Pulizija[11] sabiex jagħmel użu mill-*basement* bħala sala tat-tiġijiet, liema applikazzjoni (bin-numru 265/1992) intbgħatet lill-P.A.P.B. u ġiet miċħuda fl-1994. Ir-raġuni li ngħatat kienet li l-użu propost huwa ġo *basement*, f'zona li

---

[8] Dok. "B" f'paġġ. 13 sa 21
[9] Dok "JD1", f'paġ. 822 tal-proċess
[10] Dok."A" f'paġġ. 6 sa 12 tal-proċess
[11] Paġ. 22 tal-proċess. Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Oliver Magro f'paġ. 775 tal-proċess

mhix kompatibbli ma' żvilupp bħal dak u billi l-istess proposta tmur kontra il-permess maħruġ;

Illi r-rikorrent ressaq appell quddiem il-Bord. Jidher li għal xi żmien il-proċess ġie differit *sine die* billi l-Bord ma setax jikkonsidra t-tibdil fl-użu meta l-fond ma kienx mibni skond il-pjanti. Dan wassal lir-rikorrent biex japplika mal-Awtorità (Applik. Numru 5883/94) sabiex iġib fis-sewwa dak li kellu mibni mhux skond il-permess. Il-parti tal-applikazzjoni li kienet tolqot l-illegalità fuq is-sit ġiet milqugħa, iżda f'dak li jolqot it-tibdil ta' użu għal wieħed kummerċjali, il-Bord ċaħad l-applikazzjoni tar-rikorrent. Fis-sentenza tiegħu tat-18 ta' Ġunju, 1997[12], il-Bord saħaq fuq il-fatt li ż-żona kienet waħda residenzjali għal użu ta' vilel u mhux għal użu kummerċjali, kif ukoll fuq l-impatt li tali tibdil fl-użu kien ser iħalli fuq ir-residenti, dan wara li ħa qies mhux biss tas-sottomissjonijiet li sarulu mill-partijiet, iżda wkoll dawk imressqa mil-Kunsill Lokali u l-ilmenti tar-residenti. Ir-rikorrenti appella d-deċiżjoni tal-Bord[13], liema deċiżjoni ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-24 ta' Ġunju, 1998[14]. Il-Qorti tal-Appell qieset li l-argumenti miġjuba quddiemha mir-rikorrenti appellant jikkostitwixxu fatti u mhux punt ta' liġi, u għaldaqstant kienu jaqgħu 'l barra mill-ġurisdizzjoni tagħha. L-appell għaldaqstant ġie miċħud;

Illi fit-3 ta' Diċembru, 1997, ir-rikorrent ressaq applikazzjoni oħra mal-Awtorità (PA 6914/1997) li ġiet miċħuda fuq il-fatt li tmur kontra l-*policies* applikabbli fl-inħawi, fuq il-fatt tal-inkonvenjent li tali żvilupp kien mistenni li joħloq lill-ġirien tal-inħawi, fuq il-fatt li ż-żona kienet identifikata għal vilel u minħabba nuqqas ta' parkeġġ adekwat fuq is-sit. Ir-rikorrent ressaq talba sabiex l-Awtorità tqis mill-ġdid l-applikazzjoni[15], iżda għal darb'oħra, fl-1999, l-applikazzjoni ġiet miċħuda[16]. Ir-rikorrent appella minn dak ir-rifjut quddiem il-Bord, li b'deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru, 2000, ċaħad l-eċċezzjoni tal-ġudikat imqajma mill-Awtorità u ordna t-tkomplija tas-smigħ tal-appell. L-Awtorità (il-Kummissjoni dwar il-Kontroll u l-Iżvilupp) appellat minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell li, b'sentenza li tat fit-28 ta' Ġunju, 2002, ċaħdet l-l-appell u reġgħet bagħtet l-atti quddiem il-Bord[17];

Illi l-Bord, wara li ħa qies li tul l-applikazzjoni r-rikorrent biddel il-proposta tiegħu, b'deċiżjoni tat-23 ta' Mejju, 2003[18], laqa' l-applikazzjoni tar-rikorrent iżda għamel il-ħruġ tal-permess soġġett għal numru ta' kundizzjonijiet li r-rikorrent kellu jħares qabel ma seta' jinħareġ dak il-permess. L-Awtorità

[12] Dok. "B" f'paġġ. 13 sa 21tal-proċess
[13] App. Nru. 181/97
[14] Dok. "D" f'paġġ. 28 sa 34 tal-proċess
[15] Ara App. 65/99 imressaq mir-rikorrent fit-8 ta' Marzu, 1999, Dok "GSA", f'paġġ. 880 sa 1349 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda ta' Oliver Magro f'paġ. 776 tal-proċess
[17] App. 380/00
[18] Dok "G" f'paġġ. 48 sa 58 tal-proċess

appellat minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell[19], liema Qorti b'sentenza tas-26 ta' Mejju, 2004[20], laqgħet l-appell tagħha. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell, il-Bord naqas, fost oħrajn, meta impona kundizzjonijiet ġodda għall-ħruġ tal-permess li ma kinux tqiesu mill-Kummissjoni għall-Kontroll u l-Iżvilupp bir-riżultat li l-Bord biddel il-kompetenza tiegħu minn dak ta' tribunal reviżorju għal waħda ta' tribunal oriġinali. L-atti għaldaqstant reġgħu ntbgħatu quddiem il-Bord sabiex, fid-dawl tal-istess sentenza, jiddisponi mill-każ. Ir-rikorrent pproċeda quddiem il-Qorti tal-Appell b'talba għal ritrattazzjoni, liema talba ġiet miċħuda b'sentenza tas-6 ta' April, 2005[21];

Illi l-atti reġgu ntbagħtu lura quddiem il-Bord li, b'deċiżjoni tat-28 ta' Lulju, 2008[22], il-Bord reġa' ċaħad l-eċċezzjoni tal-ġudikat imqajma mill-ġdid mill-Awtorità u ħalla l-appell għas-smigħ u trattazzjoni fuq il-mertu. B'deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju, 2011[23], u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-Bord ordna lill-Awtorità toħroġ permess soġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Awtorità jidhrilha bħala meħtieġa. Fil-fehma tal-Bord, l-Awtorità kaxkret saqajha meta naqset li toħroġ *policy* dwar swali tat-tiġijiet. Minn dik id-deċiżjoni, tressaq appell[24] mit-terzi li kellhom ġid madwar il-post tar-rikorrenti u li kienu ilhom joġġezzjonaw għall-bidla fl-użu propost mir-rikorrenti għal żmien twil. Ma' dak l-appell, l-Awtorità ressqet appell inċidentali. Madankollu, b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2013[25], dik il-Qorti warrbet kemm l-appell ewlieni tat-terzi u kif ukoll l-appell inċidentali tal-Awtorità għaliex tal-ewwel kien tressaq wara ż-żmien u għalhekk l-appell inċidentali ma setax jitqies ladarba l-appell ewlieni ma kienx jiswa;

Illi fl-4 ta' April tal-2014[26], it-terzi ressqu proċedura ġdida quddiem il-Bord (b'riħet id-deċiżjoni li kien ta f'Ġunju tal-2011) għal provvediment taħt l-artikolu 77 tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, imma rtiraw dawk il-proċeduri fl-1 ta' Lulju tal-2014;

Illi jirriżulta illi l-Awtorità laqgħet l-applikazzjoni tar-rikorrent bil-ħruġ ta' permess fl-24 ta' Jannar, 2014[27], suġġett għal numru ta' kundizzjonijiet. Fost dawn, kien hemm waħda li titlob mir-rikorrent it-tressiq ta' xejn anqas minn erba' (4) "*condition reports*" qabel il-ħruġ tal-"*final compliance certificate*". Dawn ir-rapporti kellhom x'jaqsmu mal-aspett tal-aċċessibilità għal persuni bi ħtiġijiet speċjali, li l-binja toqgħod mal-kundizzjonijiet imposti mal-ħruġ tal-permess, wieħed dwar il-livelli ta' ħsejjes li joħorġu mis-sala tat-tiġijiet, u ieħor

[19] App. Nru. 12/03RCP
[20] Dok."H" f'paġġ. 59 sa 72 tal-proċess
[21] Dok."I" f'paġġ. 73 sa 83 tal-proċess
[22] Dok. "J" f'paġġ. 88 – 7 tal-proċess
[23] Dokti "K' u "GSB", f'paġġ. 88 – 95 u 902 – 9 tal-proċess
[24] App. Nru. 29/11MCH
[25] Dok "Ċ", f'paġġ. 23 – 7 tal-proċess
[26] App. Nru. 69/14, ara Dok "GSB", f'paġġ. 1350 sa 1429 tal-proċess
[27] Dok "OM", f'paġġ. 1435 – 8 tal-proċess

dwar sigurtà minħabba nirien. Ir-rikorrent wettaq l-imsemmija kundizzjonijiet fuq medda ta' żmien, bl-aħħar waħda fl-20 ta' April, 2017[28];

Illi r-rikorrenti fetħu din il-kawża f'Mejju tal-2015, meta l-permess ma kienx għadu nħareġ;

Illi jirriżulta li, għal numru ta' snin, ir-rikorrenti nqdew bil-post tagħhom biex iżommu attivitajiet tal-massa. Minkejja dan, ir-rikorrent jgħid li tilef qligħ min-nuqqas ta' użu kummerċjali li ma setax isir mill-fond bejn l-1993 u l-2014. Huwa jqis li dak it-telf jitla' għal madwar żewġ miljun ewro (€2,000,000)[29];

Illi fi Frar, 2018[30], ir-rikorrenti biegħu l-fond mertu tal-każ;

Illi għal dak li jirigwarda **l-aspetti legali** marbuta mal-każ, il-Qorti tqis li l-ilmenti tar-rikorrenti huma tnejn. Ir-rikorrenti jibdew biex jixlu lill-Awtorità intimata b'dewmien mhux mistħoqq biex ħarġet permess għal żvilupp li, fil-fehma tagħhom, kellhom jedd għalih. Iqisu li dan id-dewmien wassal għal ksur ieħor, dak li ġew imċaħħda milli jagħmlu użu b'ġidhom għal numru ta' snin. Ma' dan iżidu jgħidu li tilfu dħul finanzjarju sostanzjali minħabba li ma setgħux jagħmlu użu kummerċjali minn ġidhom, u ta' dan għandhom jiġu kumpensati. F'dan kollu, huma jilmentaw minn ksur taħt l-artikoli 6(1) u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u wkoll taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati jgħidu, għal raġuni jew oħra, li r-rikorrenti ma jistgħu jilmentaw mill-ebda ksur tal-jeddijiet tagħhom;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tal-azzjoni tar-rikorrenti, jidhrilha xieraq u meħtieġ li tistħarreġ **l-eċċezzjonijiet preliminari** mressqa mill-intimati. Tibda b'dik dwar min huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, jiġifieri <u>l-ewwel eċċezzjoni preliminari</u> tal-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat;

Illi fl-imsemmija eċċezzjoni preliminari, l-intimat Avukat tal-Istat jgħid li huwa ma kien imdaħħal f'xejn minn dak kollu li dwaru jilmintaw r-rikorrenti. Dwar din l-eċċezzjonijiet preliminari, ir-rikorrenti fit-trattazzjoni tagħhom jgħidu li l-Avukat tal-Istat ġie mħarrek minħabba l-kawżali marbuta mad-dewmien tal-proċeduri, l-aktar f'dak iż-żmien li ttieħed quddiem l-istrutturi

[28] Ara x-xhieda ta' Oliver Magro f'paġġ. 1483 u 1961 tal-proċess
[29] Ara paġġ. 139 sa 148 tal-proċess
[30] Ara paġġ. 2076 sa 2082 tal-proċess

tal-Awtorità[31]. Min naħa l-oħra, fis-Sottomissjonijiet, jistqarru li d-dewmien quddiem il-Qrati kien wieħed insinifikanti[32];

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn toqgħod tidħol f'ħafna konsiderazzjonijiet dottrinali dwar min hu l-kontradittur leġittimu f'kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Tagħraf ukoll li l-kwestjoni ta' min imissu jwieġeb għal allegazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali tiddependi ħafna u b'mod ewlieni mill-premessi li fuqhom ikun inbena r-rikors promotur. Meta wieħed jara fuq liema ħwejjeġ ir-rikorrenti jibnu l-ilmenti tagħhom, issib li jidher ċar li r-rikorrenti jilmentaw dwar id-dewmien fil-ħruġ ta' permess mill-Awtorità u fil-fatt li ġew imċaħħda milli jagħmlu użu minn ħwejjiġhhom minħabba dak id-dewmien. Il-Qorti tagħraf ukoll li l-azzjoni li għandha quddiemha ma titlob bl-ebda mod is-sejbien li xi parti minn xi liġi nnifisha qiegħda tikser il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti[33];

Illi, wara li semgħet ix-xhieda u rat il-provi kollha li jinsabu fl-atti tal-kawża, tasal għall-fehma li ma ntwera bl-ebda mod kif l-intimat Avukat tal-Istat jista' b'xi mod jitqies li huwa l-kuntradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li l-intimat Avukat tal-Istat ma jista' jwieġeb għall-ebda waħda mill-ilmenti mressqa mir-rikorrenti u l-ġudizzju, għal dak li jirrigwarda l-istess ilmenti u t-talbiet korrispondenti, huwa sħiħ bil-preżenza fil-kawża tal-Awtorità intimata waħedha;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat hija tajba u sejra tilqagħha billi teħilsu milli jibqa' aktar fil-kawża;

Illi jmiss li l-Qorti tqis <u>it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' kull waħda mill-intimati</u> li biha jitolbu lil din il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minħabba li jgħidu li r-rikorrenti naqsu li jinqdew bir-rimedji "ordinarji" li kienet tagħtihom il-liġi biex jiksbu rimedju għall-ilmenti li huma jressqu f'din il-kawża;

Illi fil-fehma tal-intimati, ir-rimedju li kellhom ifittxu r-rikorrenti kien dak ta' azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. L-Avukat tal-Istat jagħmel referenza ukoll għal azzjoni ta' danni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Min naħa l-oħra, ir-rikorrenti, jgħidu li l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma jgħoddx għall-każ li l-Qorti għandha

[31] Paġ. 2148 tal-proċess
[32] Paġ. 2113 tal-proċess
[33] Kost. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vica Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et***

quddiemha, filwaqt li azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju torbot idejn il-Qorti li tismagħha billi r-rimedju li tista' tagħti huwa wieħed limitat[34];

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor, hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[35]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[36];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[37]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[38];

---

[34] Nota ta' Sottomissjonijiet paġġ. 2103 sa 2106 tal-proċess
[35] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[36] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[37] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[38] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[39]. Mhuwiex mogħti lil persuna l-beneficċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[40];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalità, inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[41]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[42]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[43];

[39] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[40] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[41] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***
[42] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[43] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat ostituzzjonali tagħha kbiex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[44]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata biex jinżamm il-bilanċ li ssemma aktar qabel[45];

Illi jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit f'kawżi li jolqtu lil Malta[46];

Illi meta tħaddem dawn il-prinċipju għal każ li għandha quddiemha, il-Qorti tasal għall-fehma li filwaqt li r-rikorrenti jilmentaw minn numru ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Awtorità intimata u li, fil-fehma tagħhom, kienu ħżiena (fosthom li ma ħejjietx *policy* li tirregola l-ħruġ ta' permessi dwar is-swali tat-tiġijiet, kif kellha l-obbligu li tagħmel[47]), tqis li l-ilment prinċipali f'din il-kawża huwa dak tad-dewmien mhux ġustifikat biex ġiet mistħarrġa l-applikazzjoni għal żvilupp. Dan ta' l-aħħar mhux ilment li dwaru jista' jingħata rimedju minn Qorti ordinarja;

Illi l-Qorti għaldaqstant ssib li m'għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw s'issa, u għandha twarrab it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed mill-intimati;

Illi għar-rigward tal-eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku fir-rikorrenti Rita Difesa (l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità u t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat), jingħad li din l-eċċezzjoni mhijiex mistħoqqa. L-Awtorità tgħid li l-imsemmija rikorrenti ma kienet bl-ebda mod imdaħħla fil-proċeduri mtennija quddiem l-awtoritajiet dwar il-ħruġ tal-permess mitlub. L-Avukat tal-Istat jistrieħ ukoll fuq l-istess raġuni;

Illi, min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jwarrbu dawn l-eċċezzjonijiet u jisħqu li, bħala waħda mis-sidien tal-ġid li dwaru ntalab il-ħruġ tal-permess (ukoll bħala persuna li dwarha jgħoddu r-regoli tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u żewġha r-rikorrent l-ieħor), ma jistax ikun li hija wkoll ma għandhiex l-

[44] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[45] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[46] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72
[47] Ara t-tieni talba attriċi

interess li tilmenta bl-istess mod li jilmenta żewġha f'dan il-każ. Il-fatt li ma tressqu l-ebda applikazzjonijiet għal żvilupp f'isimha, jew il-fatt li l-proċeduri dejjem saru minn żewġha waħdu, ma jnaqqas xejn mill-interess meħtieġ biex tilminta minn ksur ta' jeddijiet fundamentali tagħha, flimkien ma' dawk li jilminta minnhom żewġha;

Illi dan l-interess radikat jibqa' rilevanti wkoll minkejja li, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, r-rikorrenti biegħu u ittrasferew il-post mertu tal-każ. L-attwalità tal-interess tagħhom fil-mertu partikolari tal-kawża li ressqu jibqa', fil-fehma tal-Qorti, bla mittiefes għaliex jirrigwarda żmien li matulu huma kienu s-sidien tal-post u liema żmien jidher li għalaq mal-ħruġ tal-permessi relattivi f'April tal-2017, ftit xhur qabel ma ittrasferew il-post lil terzi;

Illi għalhekk, din l-eċċezzjoni preliminari wkoll ma jistħoqqilhiex tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra issa tqis **il-mertu** tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità dwarhom[48]. Il-Qorti tibda l-istħarriġ tagħha billi tqis l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi, fil-parti rilevanti tiegħu għal din il-kawża, l-artikolu 6 jaqra hekk: "*Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali tiegħu, kulħadd huwa titolat għal smiegħ xieraq imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi..*"

Illi r-rikorrenti jisħqu li l-proċeduri kollha quddiem il-Bord u kif ukoll quddiem l-Awtorità jdaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu. Huma jisħqu li l-Awtorità hija setgħa pubblika u li d-deċiżjonijiet li ttieħdu dwar it-talba tiegħu (mhux jirreferu għal dawk quddiem il-Qrati, li minnhom ma jressqu l-ebda lment dwar dewmien fit-teħid tad-deċiżjonijiet min-naħa tagħhom) kienu deċiżjonijiet minn tribunali b'setgħa li jaqtgħu kwestjonijiet li jorbtu u li ma setgħux jinbidlu minn xi awtorità oħra mhux ġudizzjarja. B'mod partikolari, r-rikorrenti jsemmu l-artikoli 63(1) u 64 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta[49] u d-dispożizzjonijiet relattivi fil-liġi ta' qabel[50] u kif ukoll l-artikolu 41 tal-Kapitolu 551[51] dwar is-setgħat tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar biex jippruvaw juru li l-kwestjonijiet imressqin quddiem dawk l-organi tal-Awtorità jiġbdu fuqhom it-tħaddim tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

[48] Fid-dawl tal-fatt li l-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat u ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju, mhijiex sejra tqis l-eċċezzjonijiet tiegħu fil-mertu
[49] Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Att VII tal-2016)
[50] Jirreferu għall-Att X tal-2010 (Kap 504)
[51] Att V tal-2016

Illi l-Qorti tirrileva li l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq jinsab fl-aspett tad-dewmien fil-proċess li wassal biex, wara ħafna żmien, intlaqgħet it-talba tagħhom għall-ħruġ ta' permess biex parti mill-ġid tagħhom jinħarġilha permess għal użu bħala sala tat-tiġijiet. Minn dak kollu li ressqu quddiemha r-rikorrenti u mis-sottomissjonijiet tagħhom, ma ressqu l-ebda lment ta' ksur tal-jedd minħabba l-imparzjalità oġġettiva jew soġġettiva tal-Bord u lanqas mill-aspett ta' ċaħda għal aċċess għal qorti jew tribunal. Għall-kuntrarju, jidher li huma saħansitra jistrieħu fuq waħda mid-deċiżjonijiet tal-Bord sewwasew biex juru kemm l-Awtorità ma qagħditx għal rakkomandazzjoni li huwa kien għamel dwar it-tfassil tal-politika dwar swali għat-tiġijiet. Minbarra dan, mill-atti tal-kawża joħroġ ċar ukoll kemm ir-rikorrent inqeda bir-rimedji ta' appelli quddiem il-qrati u proċeduri oħrajn ġudizzjarji u amministrattivi kważi-ġudizzjarji tul it-taqbida li kellu biex jikseb il-permess mixtieq;

Illi għalhekk, wieħed irid jara jekk l-Awtorità għandhiex titqies ħatja li kisret il-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq minħabba d-dewmien fil-proċedura msemmija u fit-tfassil tal-politika tagħha dwar permessi għal postijiet maħsuba bħala swali għat-tiġijiet. Għandu jingħad li, bħala prinċipju, t-teħid jew tmexxija ta' proċedimenti marbuta ma' politika dwar l-ippjanar jew l-iżvilupp jagħtu diskrezzjoni wiesgħa ħafna lill-awtorità pubblika u, l-aktar fejn jidħol il-jedd ta' smigħ xieraq, ġeneralment ma jqajjimx kwestjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jekk mhux fl-aspetti ta' proċeduri amministrattivi jew kważi-ġudizzjarji li jitlobu l-ħarsien u t-tħaddim tal-prinċipji ta' ħaqq naturali[52] u dan kollu safejn dawk il-proċeduri jikkostitwixxu "d-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi" tal-persuna li tkun imdaħħla f'dawk il-proċeduri[53];

Illi l-Qrati tagħna wkoll stħarrġu każijiet li qanqlu lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli marbuta ma' teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi b'rabta ma' ħruġ jew bdil ta' permessi ta' żvilupp, u r-rimedju xieraq[54];

Illi f'dan il-każ partikolari, ir-rikorrenti jisħqu ħafna li l-ksur tal-jedd tagħhom ġarrbuh għaliex l-Awtorità tnikkret u baqgħet ma ħarġitx "*policy*" marbuta mal-ħruġ ta' permessi għal użu ta' postijiet biex jintużaw bħala swali għat-tiġijiet. Huma jaqbdu wkoll ma' kunsiderazzjoni magħmula "*obiter*" mill-Bord fid-deċiżjoni tiegħu tat-30 ta' Ġunju, 2011, li fiha josserva li baqgħet ma tħejjietx "*planning policy*" dwar swali għat-tiġijiet. Ir-rikorrenti jgħidu li, kieku

---

[52] K. Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd. Edit, 2007) § IIB – 281 f'paġġ. 451 – 2

[53] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit., 2006) § 10.2.6, f'paġ. 526

[54] Ara b'eżempju, P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Ltd vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-**3.2.2009**)

l-Awtorità ħarġet tali politika, il-każ tagħhom ma kienx jgħaddi mill-martirju ta' proċeduri li kellhom jgħaddu sakemm, fl-aħħar, intlaqgħet it-talba tagħhom[55];

Illi l-Qorti jidhrilha li biex tqis sewwa l-ilment tar-rikorrenti dwar id-dewmien fil-proċess, irid jitqies sewwa fiex kien jikkonsisti. Dan qiegħed jingħad għaliex, kif intwera fil-ġabra tal-fatti li saret aktar 'il fuq, joħroġ ċar li dan ma kienx każ sempliċi fejn ir-rikorrenti ressqu talba waħda u l-proċess baqa' jiġġebbed dwarha. Li kieku kien hekk, allura mad-daqqa t'għajn il-fatt li l-permess inħareġ fl-2014 wara l-ewwel talba li tressqet fl-1997 kien jagħti raġun lir-rikorrenti li l-każ tagħhom ħa tul iżżejjed biex inqata', għaliex sbatax-il (17) sena biex tintlaqa' talba għal żvilupp mhix waħda mogħtija fi żmien raġonevoli. Madankollu, il-każ tar-rikorrenti ma kienx hekk. Din il-Qorti tqis li kien hemm mhux anqas minn seba' (7) fażijiet proċedurali distinti marbuta mat-talba tagħhom biex parti mill-ġid tagħhom jikseb il-permess biex isir sala tat-tiġijiet. Dawn il-fażijiet kienu, fi tliet ċirkostanzi minnhom, imnedija mir-rikorrent Joseph Difesa nnifsu, u dan kif kellu kull jedd li jagħmel. Ta' min jirrileva li dawn il-fażijiet, għalkemm maqtugħa minn xulxin, kienu jixxiebhu u qishom it-tennija ta' talbiet li bħalhom ikunu tressqu qabel, b'xi sfumaturi ġodda. Kemm hu hekk, għal minn tal-anqas darbtejn, l-Awtorità qajmet l-eċċezzjoni tal-ġudikat quddiem il-Bord (li l-Bord ċaħadhom fiż-żewġ okkażjonijiet u għalhekk wera li l-proċeduri ma kinux jirrigwardaw l-istess kwestjonijiet bħal dawk ta' qabel);

Illi wieħed irid iqis ukoll li t-tressiq tat-talba tar-rikorrenti għall-permess li jawtorizza l-bdil tal-użu kien jiddependi wkoll fuq il-fatt li l-bini ma kienx jaqbel mal-permessi oriġinarjament maħruġa. Kien jaqa' fuq ir-rikorrenti li jieħdu ħsieb li jikkonformaw irwieħhom, u ż-żmien li ttieħed sakemm għamlu dan (u li ta lok għat-tressiq ta' applikazzjoni ġdida min-naħa tagħhom) ma tistax taħti għalih l-Awtorità jew l-organi tagħha;

Illi dwar il-kwestjoni tal-ħruġ ta' "*planning policy*", l-Awtorità wriet li fil-fatt kien hemm politika tal-ippjanar dwar postijiet maħsuba biex jintużaw għat-tiġijiet, u li din kienet waħda ġenerali li tgħodd għal stabilimenti ta' din l-għamla li jiġbru l-attendenza ta' bosta persuni f'salt u wkoll f'liema ambjenti jistgħu jinżammu[56]. Uriet li dik il-politika kien ilha li saret sa mill-2006 fil-Pjan Lokali ta' Żvilupp għall-Majjistral[57] (li hija ż-żona fejn tinsab il-proprjetà mertu tal-każ). Il-Qorti ssib li l-Awtorità lanqas tista' titqies ħatja tad-dewmien fil-ħruġ tal-"*final compliance certificate*" (f'April tal-2017) ladarba dak il-ħruġ kien jiddependi mit-tressiq ta' ċertifikati min-naħa tar-rikorrenti (ir-rikorrent jisħaq li l-Awtorità ma kinitx tkun kuntenta biċ-ċertifikati li jressaq u titolbu oħrajn) u dawn ħadu ż-żmien tagħhom biex ressquhom kif imiss. L-Awtorità wkoll ma

[55] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, f'paġġ. 2113 u 2118 sa 2124 tal-proċess
[56] Xhieda ta' Oliver Magro, f'paġġ. 1955 u 2057 tal-proċess
[57] Taħt l-intestatura "NHPV05" – "*Entertainment Priority Areas*" Dok "OMA", f'paġ. 1488 tal-proċess

tistax tingħata tort li nqdiet bil-jeddijiet tagħha biex tirrikorri għall-Qrati u tappella minn deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Bord, għaliex hi ma kinitx mistennija li tgawdi jeddijiet anqas mir-rikorrent li fejn deherlu nqeda bl-istess dritt ta' appell;

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi fattwali kollha meqjusa fil-qafas xieraq tagħhom kronoloġiku, il-Qorti tasal għall-fehma li ma ntweriex li ntuża żmien mhux raġonevoli biex ittieħdet deċiżjoni f'kull fażi proċedurali mill-bosta li saru. Għalhekk, ladarba l-ilment tar-rikorrenti huwa marbut mal-kwestjoni taż-żmien raġonevoli u mhux ma' xi aspett ieħor dwar il-jedd għal smigħ xieraq, ma ssibx li r-rikorrenti ġarrbu xi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq, taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u għalhekk mhijiex sejra tilqa' l-ewwel talba safejn mibnija fuq ksur ta' dan l-artikolu;

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ issa l-ilment tar-rikorrenti taħt **l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**. Dan jipprovdi li: "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-teħid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, kif ilu jingħad u kif ilu stabilit, huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna bosta drabi taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra[58]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

Illi għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun hemm "teħid ta' possedimenti" biss "*when all the legal rights of the owner are extinguished by*

[58] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)

*operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. .... In the absence of a formal extinction of the owner's rights, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2*"[59]. B'"*de facto deprivation*" wieħed jifhem dawk il-każijiet fejn "*the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title*"[60]. Għalhekk, b'teħid ta' ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[61];

Illi min-naħa l-oħra għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid. Għalhekk ingħad ukoll li "*Article 1 protects 'peaceful enjoyment'. That implies that this provision may also have been violated when a person has not been affected as to his property or possessions per se, but is not accorded an opportunity to use that property, for instance because a necessary permit is refused to him, or because in some other way such restrictions ensue from the legislation or from government measures to the extent that there is no longer any question of a 'peaceful possession'*"[62];

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[63], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[64]. Madankollu, l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjetà u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[65];

Illi f'dan ir-rigward, l-ilmenti tar-rikorrenti huma tnejn. L-ewwel ilment hu li l-fatt li għaddew ħafna snin qabel ma ġiet determinata l-applikazzjoni tagħhom wassal biex huma ġew imċaħħda mit-tgawdija ta' ġidhom. Jaċċennaw ukoll għat-telf li ġarrbu billi ma setgħux jagħmlu negozju minn ħwejjiġhom[66]. It-tieni lment hu li l-Awtorità naqset li tħejji "*policy*" appożita dwar postijiet li jintużaw bħala swali tat-tieġ, kontra dak li kienet obbligata li tagħmel[67];

---

[59] Harris, O'Boyle & Warbrick *Law of the European Convention on Human Rights* (1995), paġġ. 527 – 8
[60] *Ibid.* f'paġ. 528
[61] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et***
[62] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *ap cit*§ 17.3.2, f'paġġ. 872 – 3
[63] Kost. **24.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***; u Kost. **20.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***J Lautier Co Ltd vs Kummissarju tal-Artijiet et***
[64] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87
[65] K. Reid *op cit* paġ. 501
[66] Ara l-ewwel talba attriċi
[67] Ara t-tieni talba attriċi

Illi min-naħa tagħha, l-Awtorità twarrab l-argumenti tar-rikorrenti billi tgħid li huma ma kellhom ebda aspettattiva leġittima li għax jagħżlu li jibdlu dar residenzjali f'waħda ta' natura kummerċjali, dik ix-xewqa kellha tintlaqa' bilfors. Tisħaq li, sa minn meta r-rikorrenti kisbu l-ġid imsemmi, dan kien jaqa' f'żona mibnija bħala residenzjali u, b'mod partikolari, f'vilel. Fl-imkien li jinsab fih il-ġid tar-rikorrenti ma kienx mogħti li jsir żvilupp kummerċjali bħal dak propost mir-rikorrenti. Ittenni li b'dak li sar, ir-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda tnaqqis fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom, imma, għall-kuntrarju, ingħataw jeddijiet li, fiż-żmien li kiseb il-post, ma kellux[68]. Għalhekk tgħid li ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi jibda biex jingħad li l-fatt waħdu li persuna titlob permess ta' żvilupp ma jfissirx li t-talba trid tintlaqa' bilfors: kull talba trid titqies fil-qafas tar-regolamentazzjoni li tgħodd għall-iżvilupp li jkun u l-inħawi fejn jintalab li jsir, b'mod partikolari dwar aspetti ambjentali li jirrigwardaw il-jeddijiet ta' ħaddieħor li jintlaqat bi żvilupp bħal dak. Min-naħa l-oħra, jidher li l-każ tar-rikorrenti jissejjes fuq il-premessa li kien mistenni li t-talba tagħhom tintlaqa' meta jitqies il-ġid tagħhom u l-għan tax-xewqa tagħhom li jibdlu l-użu ta' parti minnu minn wieħed residenzjali għal wieħed kummerċjali. Tabilħaqq, il-Qorti tqis li l-ilmenti tar-rikorrenti jeħtieġ li jitqiesu fil-qafas tal-kunċett ta' aspettattiva leġittima. Kif ingħad, dan l-aspett tqanqal mill-intimati fit-Tweġiba tagħhom, meta saħqu li jekk ir-rikorrent kellu xi aspettativa din żgur ma kenitx waħda leġittima fiċ-ċirkostanzi, jekk din l-aspettattiva kienet marbuta ma' xi jedd li jgħidu li jgawdu li jibnu bla ma jitħarsu l-kriterji tal-bini fl-inħawi partikolari[69]. Ir-rikorrenti dan l-element iqisuh wieħed ewlieni fit-tmexxija tal-każ tagħhom ukoll[70];

Illi biex aspettativa tkun waħda leġittima ma tridx tkun waħda li biex isseħħ tkun tikser xi jedd fundamentali ta' ħaddieħor[71]. Lanqas ma jista' jkun hemm aspettattiva bħal dik fejn l-ewwel jinħalaq stat li jikser il-liġi u mbagħad dak li jkun jippretendi li jkun imħares f'dak l-istat[72];

Illi l-Qorti ssib li fl-ebda waqt rilevanti taż-żmien li dwaru jinbena l-ilment tar-rikorrenti ma jista' jingħad li huma kellhom xi aspettativa leġittima li jiksbu permess biex jibdlu l-użu tal-imsemmi ġid fit-termini u fil-kundizzjonijiet li riduhom hu. Dan qiegħed jingħad għaliex, sa minn meta r-rikorrenti akkwistaw l-art bil-permessi li kellha dak inhar (f'Lulju tal-1984) il-ġid tagħhom kien jaqa' f'żona maħsuba bħala waħda residenzjali u l-permessi li kellhom dak iż-żmien kienu għal din l-għamla ta' żvilupp. Dan fil-fatt kien il-permess li l-art kienet

---

[68] Eċċ. Nru. 4(vii) f'paġ. 104 tal-proċess
[69] Kost. **24.4.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Joachim sive Jack Galea vs Avukat Ġenerali et***
[70] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom f'paġġ. 2117 – 8 tal-proċess
[71] Kost. **26.4.2013**fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs Il-Prim Ministru et***
[72] Kost. **24.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***John Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et***

iġġor fuqha u li seta' jinbena fuqha fid-data ta' l-akkwist. Minbarra dan, jidher li l-ewwel talba għal għoti ta' permess dwar bdil ta' użu mir-rikorrenti saret għaxar (10) snin wara li kisbu l-ġid u dan żgur ma jfissirx li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti jistgħu jmorru lura sa minn dakinhar li kisbu l-art;

Illi l-Qorti żżid tqis li mal-ħruġ tal-permess mill-Awtorità fis-sena 2014, mhux talli r-rikorrenti ma ġarrbux telf, iżda talli ngħataw aktar milli kellhom qabel[73]. Minn dan kollu joħroġ ukoll li lanqas jista' wieħed jitkellem dwar tnaqqir tal-jedd ta' tgawdija tal-ġid, għaliex intwera li, sa minn dakinhar li nkisbet l-art, ir-rikorrenti ma tilfu xejn mit-tgawdija ta' dak il-ġid. Il-Qorti tqis ukoll li, tenut kont tan-natura tal-attività kummerċjali li r-rikorrenti riedu jwettqu fil-post, li fin-natura tagħha tinvolvi attività tal-massa, b'numru sostanzjali ta' karozzi li jiffrekwentaw l-inħawi kull darba li jkun hemm attività organiżżatta fil-ġid tar-rikorrenti, tenut kont ukoll id-dmir tal-Istat li jipproteġi n-nies tal-madwar[74], il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fiċ-ċaħdiet li tat l-Awtorità għat-talbiet li r-rikorrenti kienu għamlu għal permess dwar tali bdil ta' użu. Meta l-Bord, fl-aħħar, qatagħha li jordna l-ħruġ tal-permess, l-Awtorità qagħdet għal dik id-deċiżjoni u ħarġet il-permess (suġġett għall-kundizzjonijiet li ssemmew qabel). Tqis ukoll li l-kundizzjonjiet meħtieġa magħmula fil-permess maħruġ lir-rikorrenti, għalkemm fihom infushom wieħed jista' jqishom bħala ndħil fl-użu mir-rikorrenti ta' ġidhom, ma jistgħux jitqiesu bħala miżura sproporzjonata, għaliex bihom inżamm bilanċ xieraq bejn il-jeddijiet tar-rikorrenti u l-interess generali, l-aktar ta' dawk li għandhom ġid tagħhom fil-qrib[75];

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li t-talbiet tar-rikorrent dwar ilment ta' ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni mhuwiex mistħoqq u għalhekk mhijiex sejra tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tagħhom safejn mibnija fuq dak l-ilment;

Illi safejn l-azzjoni tar-rikorrenti tinbena fuq l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni,** dan jipprovdi li "(1) *Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist – (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq; (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-*

[73] Kost. **13.4.2018** fil-kawża fl-ismjiet ***George Ċiappara vs. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar*** § 46
[74] Mill-atti joħroġ li l-Awtorità sabet ma' wiċċha għadd kbir ta' oġġezzjonijiet għall-bidla ta' użu proposta mir-rikorrenti, u s-sehem ta' dawn it-terzi fil-proċess tal-applikazzjoni mressqa mir-rikorrenti. Ara f'dan is-sens paġġ. 1965 sa 2032 tal-proċess
[75] Kost. **9.11.2012** fil-kawża fl-ismjiet ***Salvu Mintoff & Sons Ltd vs Awtorità Maltija tal-Ippjanar u Ambjent et***

*qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti talAppell f'Malta. ....";*

Illi jidher li għall-finijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, element siewi u ewlieni li jrid jirriżulta biex wieħed isib ksur tal-jedd imħares taħtu hu dak li t-teħid tal-pussess tal-ħaġa jkun sar b'mod obbligatorju, jiġifieri kontra r-rieda ta' sid il-ħaġa. Din il-Qorti hija tal-fehma li, skond l-aħħar tifsir li ngħata mill-Qrati tagħna dwar il-parametri li fihom jista' jirriżulta ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ma huwiex aktar il-każ li wieħed iqisu biss mil-lenti dejqa tat-teħid għal kollox tal-ġid li jkun: huwa biżżejjed biex jirriżulta ksur tal-imsemmi artikolu fejn jirriżulta li jkun hemm "limitazzjoni tant sostanzjali li fil-prattika tirrendihom kompletament privi mid-dritt ta' tgawdija tal-istess proprjetà"[76];

Illi l-Qorti mhux ser terġa' ttenni dak li ntqal aktar 'il fuq, ħlief li tgħid li, mill-atti tal-kawża, ma jirriżultax li kien hemm il-limitazzjoni imsemmija f'dan l-artikolu. Il-kunsiderazzjonijiet li saru qabel hi u tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jgħoddu hawn ukoll u ma tarax li għandha għalfejn ittennihom. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-ilment tar-rikorrenti taħt dan l-artikolu tal-liġi ukoll ma jirriżultax mistħoqq u għaldaqsant it-tieni talba tagħhom mhux ser tintlaqa';

Illi ladarba ma nstabx li kien hemm ksur, il-Qorti ma għandha ebda rimedju x'tagħti jew kumpens x'tiffissa billi ma jirriżultax li hu dovut. Dan iwassal lill-Qorti biex tiċħad it-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti li huma konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Avukat tal-Istat u ssib li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u b'hekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għar-rikorrenti;

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Avukat tal-Istat u l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Awtorità intimata u ssib li r-rikorrenti Rita Difesa għandha l-interess ġuridiku li tressaq din il-kawża;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** ta' kull wieħed miż-żewġ intimati u ssib li hija għandha twettaq is-setgħat tagħha li tisma' u tqis il-każ imressaq quddiemha mir-rikorrenti, għaliex ma kellhomx rimedju ieħor x'ifittxu jekk mhux b'kawża bħal din tallum;

[76] Kost. **24.6.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et***

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, għaliex ir-rikorrenti ma seħħilhomx juru li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq u lanqas għal dak tat-tgawdija paċifika ta' ġidhom;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-Awtorità intimata; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż** tal-kawża.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**5 ta' Frar, 2021**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**5 ta' Frar, 2021**